# illum

22ċ / €0.51

www.illum.com.mt

13 ta' Mejju 2007 • Nr 28


## Id-delegazzjoni Maltija tinjora s-serata finali

paġna 5




## L-ebda twissija f'Malta dwar addittivi fl-ikel

Julia Farrugia

**Esperti fl-Ingilterra li jispeċjalizzaw fil-livell tal-kwalità ta' l-ikel matul din il-ġimgħa wissew lill-ġenituri biex ineħħu għal kollox ċerti sustanzi mid-dieta ta' uliedhom.**

L-istħarriġ xjentifiku li sar fl-Università ta' Southampton wera li xi ingredjenti qed iwasslu biex it-tfal ikollhom imġiba differenti u bi problemi.

Meta saret l-analiżi fuq tfal ta' tliet snin u dawk ta' bejn tmienja u disa' snin instab li dawn kellhom sintomi komuni fosthom attakki ta' rabja, aktar kienu aktar imqarbin, ma jikkonċentrawx u jkollhom allerġiji differenti. Dawn ir-riżultati jsaħħu studji li kienu saru seba' snin ilu.

*Tkompli fuq paġna 6*

# Falzon imur pass lura

## Tar-Rabat hi "kwistjoni magħluqa" u frott "qalb muġugħa"

Kurt Sansone



**Bejn daħka u oħra, id-Deputat Mexxej Laburista Michael Falzon ilbieraħ ipprova jnaqqas mit-ton aggressiv li tkellem bih il-Ħadd li għadda fir-Rabat dwar rapport li deher f'din il-gazzetta li kien jitkellem dwar *email* innoċenti li rċieva mingħand ammiratur u li wasslet biex din il-persuna tkun interrogata mill-Pulizija.**

L-intervent ta' Falzon ilbieraħ fl-ewwel parti tal-programm Spirtu Pront fuq One Radio tqies bħala irtirata parzjali għalkemm baqa' jsostni l-istess affarijiet li qal il-Ħadd li għadda fir-Rabat.

Minkejja dan ħafna Laburisti xorta baqgħu b'togħma ħażina għax dak li seħħ il-Ħadd dgħajjef id-dehra ta' partit magħqud, speċjalment lejlet elezzjoni ġenerali.

Fuq One Radio, b'sorpriża għal ħafna, Falzon għamel referenza għal xniegħa interna fl-MLP li s'issa kienet għadha ma ħarġitx fil-pubbliku. Falzon għamel referenza għal xi lista ta' sitt ismijiet li jinkludu impjegati jew funzjonarji tal-Partit Laburista li allegatament hu għadda lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikunu investigati fuq ittri anonimi li rċieva.

Għal darba darbtejn Falzon ċaħad din ix-xniegħa: "Mhux minnu li rrappurtajt nies fil-partit" u "mhux vera li għaddejt xi sitt ismijiet lill-Pulizija".

*Tkompli fuq paġna 3*

## Rebħa Maltija



Ritratt Ray Attard

Tifel akkanit għal pajjiżu lbieraħ waqt il-logħba internazzjonali tar-rugby fejn Malta rebħet lill-Andorra. Ara l-paġni sportivi

# Il-Gvern f'*u-turn* dwar il-golf

Gerald Fenech

**Sfumat fix-xejn l-urġenza li biha kien jitkellem il-Prim Ministru dwar il-ħtieġa ta' żewġ korsijiet tal-golf, waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex, li sa ftit xhur ilu kienu essenzjali għat-turiżmu f'pajjiżna.**

Ilbieraħ Lawrence Gonzi ħabbar li l-Gvern uffiċjalment abbanduna l-idea li ssir korsa tal-golf fix-Xagħra l-Ħamra f'Għajn Tuffieħa u minflok is-sit se jinbidel f'park patrimonjali tal-wirt naturali.

Id-deċiżjoni tal-Gvern intlaqgħet b'mod pożittiv mill-għaqdiet ambjentali u l-bdiewa tal-Manikata li kienu se jitilfu r-raba' mqabbla lilhom kieku kellha ssir il-korsa tal-golf.

Iżda mit-tweġiba li ta Gonzi għal mistoqsija li saritlu minn din il-gazzetta dwar il-politika tal-Gvern fir-rigward ta' siti alternattivi għal korsa tal-golf joħroġ ċar li din m'għadhiex prijorità.

"Jekk titfaċċa proposta li tkun sostenibbli u li tista' titwettaq u ma tagħmilx ħsara lil pajjiżna fil-qasam ambjentali l-Gvern lest li jikkunsidraha. Aħna mhu se nagħmlu xejn li mhuwiex sostenibbli anki b'konsegwenza għat-titjib tal-prodott turistiku."

Dan id-diskors jikkuntrasta bil-kbir ma' dak li kien intqal minn Gonzi f'Settembru ta' l-2004 meta tenna li żewġ korsijiet tal-golf huma essenzjali għall-iżvilupp turistiku ta' pajjiżna.

Il-park fix-Xagħra l-Ħamra se jkun fuq medda ta' 2.6 kilometri kwadri, bejn wieħed u ieħor ħames darbiet ikbar mill-Belt, u se jkun immexxi mill-għaqdiet Nature Trust u Din l-Art Ħelwa.

Il-park, li se jżomm iż-żona fl-istat naturali tagħha, se joffri opportunitajiet ta' rikreazzjoni għall-pubbliku, *abseiling*, passiġġati u attivitajiet oħra ta' serħan.






NEWSPAPER POST